KUNSILL LOKALI | LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 72/2017

**13 ta' Lulju, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
James Cauci – Kunsillier
Nyah Spiteri – Kunsilliera

## ASSENTI:

Ivan Agius – Viċi Sindku

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

## 72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

72.1.1 Ma kienx hemm

## 72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

72.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 70 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

72.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas- Sa. Zerafa Civelli ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

72.2.3 Il-minuti ta' seduta numru 71 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

72.2.4 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas- Sa. Zerafa Civelli ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

72.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi kienu ghaddejjin il-preparamenti sabiex il-Kunsill Lokali jorganizza gita ghal Sqallija ghar-residenti. Is-Sa. Zerafa Civelli forniet dettalji dwar l-attivita' nnifisha.

72.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu qieghdin isiru l-kordinamenti mehtiega sabiex matul l-2017 u l-2018 izur il-lokalita' l-*mobile blood donation unit*. Segwiet diskussjoni libera dwar il-granet li l-istess *mobile blood donation unit* kellu jzur il-lokalita'.

72.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kien gie mahtur il-kabinett il-gdid, il-Kunsill Lokali kien talab laqgha mal-Onor. Dr. Ian Borg bil-ghan illi jigu diskussi progetti pendenti li kien hemm mal-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-laqgha kienet inzammet u l-Kunsill Lokali kien qieghed jistenna li jircievi aggornamenti dwar l-istess progetti. Fis-seduta segwenti kellhom jitpoggew fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-rapport li kien gie pprezentat flimkien mal-eventwali aggornamenti.

## 72.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

72.4.1 Ma kienx hemm.

## 72.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

72.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru7/17) ghall-approvazzjoni.

72.5.2 Fuq proposta tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

72.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Gunju 2017 ghall-approvazzjoni.

72.5.4 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 72.6 Sejhiet ghall-Offerti

72.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li f'seduta b'urgenza numru 71 kienet giet aggudikata sejha ghall-offerti numru KLBO01/2017, il-Kunsill kien ser ikun qieghed johrog notice of adjudication li jintbaghat lill dawk kollha li ssottomettew offerta.
Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kemm il-darba ma kien ser ikun hemm ebda appell ghad-decizjoni tal-Kunsill Lokali fi zmien ghaxart'ijiem (hekk kif legalment stipulat), il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jiffirma kuntratt mas-Sur Owen Borg. Segwiet dikussjoni libera dwar il-materja li matulha giet diskussa l-urgenza li x-xoghol mill-kuntrattur il-gdid kellu jibda' fl-iqsar zmien possibbli bil-ghan illi tigi ratifikata sitwazzjoni li kienet tezisti.

## 72.7 Grawnds Peppi Delceppo

72.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien hemm xi zviluppi rigward il-progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jipprova jimplimenta fi Grawnds Peppi Delceppo. Fir-rigward, is-Sa. Zerafa Civelli qalet illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jigi meghjun minn Palumbo Malta Shipyards Ltd. Hija ziedet tghid illi sabiex il-progett jimmaterjalizza fl-iqsar zmien possibbli l-Kunsill Lokali kien qabbad lill-perit tieghu sabiex ihejji l-pjanti mehtiega bil-ghan illi hekk kif il-proprjeta' tghaddi f'idejn il-Kunsill Lokali isiru l-applikazzjonijiet mehtiega mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

72.7.2 Wara disksusjoni libera dwar il-materja, filwaqt li gie stabbilit illi l-Kunsilliera kellhom jinzammu aggornati b'kull aggornament dwar il-materja, kien hemm qbil illi fil-mument opportun, il-Kunsill Lokali kellu johrog stqarrija bil-ghan illi jirringrazzja pubblikament lil Palumbo Malta Shipyards Ltd.

## 72.8 Vetturi tal-Kunsill Lokali

72.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara diskussjonijiet mal-kumpanija ta' assikurazzjoni dwar il-vettura KBI323 u wara li kienet inkisbet stima minghand tellar ghat-tiswijiet tal-istess vettura li kienet tammonta ghal aktar minn €2400 kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar x'kellu jsehh

72.8.2 Waqt diskussjoni libera, gie stabbilit illi apparti l-ispiza msemmija kien jinhtieg illi jinxtraw ukoll batteriji godda. Is-Sur James Cauchi sahaq li wiehed kellu wkoll jikkunsidra d-data ta' manifattura tal-istess vettura.

72.8.3 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku, ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri u li ghaddiet b'votazzjoni unanima gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jaccetta li jinghata minghand il-kumpanija ta' assikurazzjoni s-somma ta' €2300 ( u l-kumpanija ta' assikurazzjoni zzomm il-vettura bil-hsarat) u tinhareg sejha ghall-offerti ghax-xiri ta' vettura kummercjali. Ghal tali vettura kellha tinhareg sejha ghall-offerti bil-Kunsill Lokali jiddeciedi illi l-valur tal-vettura l-gdida ma' kellux jeccedi l-€11800 li possibilment kellhom jithallsu permezz ta' kambjali.

## 72.9 Rapporti

72.09.1 Is-Sindku pprezentat rapport dwar korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali u li kienet tirrikjedi decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienu ser ikunu qieghdin jinfethu l-applikazzjonijiet ghal korsijiet Lifelong Learning.
- Il-Kunsill Lokali ma sab ebda oggezzjoni ghal applikazzjoni tas-Sa. Josette Vassallo sabiex issir keep clear bay ta' metru u nofs fi Triq Abram Gatt.
- Gie deciz illi kellha tinzamm laqgha mas-Sa. Lucia Piquero rigward proposta ta' spazju fejn individwi jew gruppi ikunu jistghu jesprimu t-talenti artistici taghhom.
- Gie deciz illi kellhom jitnehhew *U-Channels* li li kien hemm u minflok kellhom jigu installati *bollards* u jitpoggew pjanti bil-ghan illi tigi ratifikata sitwazzjoni ta' parkegg abuziv fi Triq San Rokku.
- Wara diskussjoni libera, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jippartecipa f'inizjativa li kienet ittiehed minn Wasteserv Malta Ltd. fl-okkazjoni tal-*European Week for Waste Reduction.*

- Il-Kunsilliera Noyah Spiteri kellha tinghata kopja ta' Cirkulari 47/2017 mahruga mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali bil-ghan illi kemm il-darba ikun possibbli il-Kunsill Lokali jikkontribwixxi mal-Kummissjoni kontra l-vjolenza domestika f'sensiela ta' attivitajiet.
- Inqrat korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand l-Onor. Robert Cutajar li permezz taghha l-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-istess membru parlamentari kien ser ikun qieghed jiltaqa' mal-Kunsilli Lokali b'mod individwali.
- Gie deciz illi s-Sindku kellha tiehu hsieb tikkordina l-attivitajiet sabiex kemm il-darba ikun possibbli, il-Kunsill Lokali jtella' attivita' flimkien mal-*Commonwealth Games Association of Malta.*
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel kuntatt ma' rapprezentant tal-Kazin tal-banda San Gorg bil-ghan illi jinkisbu d-dimensjonijiet ta' bandiera li talbet li tinghata l-istess organizzazzjoni. Eventwalment kellha tinkiseb stima li kellha tghin lill-Kunsilliera jevalwaw it-talba.
- Kellu jittella' poster sabiex jigi mixtarr l-interess ghal korsijiet f'livell ordinarju fis-suggetti tal-matematika, Physics, Malti, Economics u Accounts ghal studenti li ma kienux kisbu rizultati tajba. L-Informazzjoni migbura kellha tigi mghoddija lill-Kunsilliera bil-ghan illi tittiehed decizjoni dwar jekk kellhomx jigu kkordinati l-korsijiet.

## 72.10 Attendenza tal-Kunsillieri ghas-seduti

72.10.1 Is-Sindku qalet illi kienet ingibditilha l-attenzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv dwar il-fatt illi l-Kunsilliera Noyah Spiteri kienet naqset milli tattendi ghal aktar minn terz tas-seduti msejha fi zmien sitt xhur bejn Jannar 2017 u Gunju 2017.

72.10.2 Wara li ttiehdu in-kunsiderazzjoni l-gustifikazzjonijiet li kienet tat is-Sa. Spiteri ghas-seduti li ghalihom ma kenitx prezenti, u wara li s-Sa. Spiteri spjegat lill-Kunsill Lokali f'aktar dettall ir-ragunijiet ghan-nuqqas ta' attendenza taghha, fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku, ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi filwaqt li kellu jigi mgharraf bl-akkadut il-Ministru kkoncernat kellha ssir rakkomandazzjoni sabiex il-post tas-Sa. Spiteri ma jigix iddikjarat vakanti.

72.10.3 Is-Sindku qalet illi kienet ingibditilha l-attenzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv dwar il-fatt illi l-Vici-Sindku Ivan Agius kien naqas milli jattendi ghal aktar minn terz tas-seduti msejha fi zmien sitt xhur bejn Jannar 2017 u Gunju 2017.

72.10.4 Il-Kunsillier James Cauchi gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali ghall-fatt illi l-Vici-Sindku ma kienx prezenti ghas-seduta u sahaq illi huwa kien tal-opinjoni illi l-

materja tigi diksussa fis-seduta segwenti bil-ghan illi s-suggett jigi diskuss flimkien mal-Vici-Sindku innifsu. Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja li matulha filwaqt li giet diskussa l-assenza tal-Vici-Sindku ghas-seduti in-kwistjoni , tqajmu diversi punti legali relatati mad-decizjoni u r-rakkomandazzjoni li kellu jiehu l-Kunsill Lokali.

72.10.5 Is-Sindku ressqet kunsiderazzjoni li kienet tghid illi filwaqt li kellu jigi mgharraf bl-akkadut il-Ministru kkoncernat kellha ssir rakkomandazzjoni sabiex il-post tas-Sur Agius ma jigix iddikjarat vakanti. Fil-frattemp, il-Kunsill Lokali kellu jitlob lill-Vici-Sindku informazzjoni dwar nuqqas ta' attendenza ghal seduti minghajr gustifikazzjoni. Il-kunsiderazzjoni tas-Sindku giet issekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli u ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**72.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

72.11.01 Il-laqgħa intemmet fit-9:15pm wara li giet ezawrita l-agenda,u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 17 ta' Awissu, 2017 fis-6.30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Awissu, 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |